MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tas-6 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 447/2014

**Mobisle Communications Limited**
**C 24655**

**vs**

**Mark Leaver**
**ID 67821 A**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ddikjarat illi l-konvenut ghandu jhallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u sebgha u sebghin ewro u sittin centezmu (€577.60c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40204044 moghtija mis-Socjeta' attrici skond l-annessi dokumenti mmarkati Dok. IZY1 u Dok. IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 – estratt mir-Registru

Elettorali, u Dok IZY 4 – kopja ta’ ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa’ ‘nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra d-dokumenti li gewipprezentati mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati minn Dok. IZY1 sa Dok. IZY4.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija sebgha u sebghin ewro u sittin centezmu (€577.60c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------